

31983L0129

9.4.1983

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 91/30

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Marzu 1983

li tirrigwarda l-importazzjoni tal-ġlud ta' ċerti friegħ tal-foki u ta' prodotti ġejjin minnhom fl-Istati Membri

(83/129/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-kummerċ Komunitarju fil-prodotti mill-foki, u partikolarment dwar il-prodotti li jiġu mill-friegħ tal-foki ta' l-arpa u tal-friegħ tal-foki tal-barnuża (*hooded*);

Billi, f'numru ta' Stati Membri, diġa jeżistu miżuri volontarji jew statutorji li jirrestrinġu l-importazzjoni jew il-bejgħ fis-suq tal-ġlud tal-friegħ tal-pil abjad tal-foki ta' l-arpa u tal-friegħ tal-foki tal-barnuż (ta' daharhom iswed); billi Stat Membru diġa jeħtieġ li l-prodotti kollha mill-foki jkunu markati;

Billi studji varji qajmu dubji rigward l-istat tal-poplazzjoni tal-foki ta' l-arpa u ta' dawk tal-barnuż u speċjalment dwar l-effett tal-kaċċa mhux tradizzjonali fuq il-konservazzjoni u l-istat tal-poplazzjoni tal-foki tal-barnuż;

Billi l-isfruttament tal-foki u ta' speċi oħra huwa, jiddependi mill-ħila tagħhom li jirreżistu dan l-isfruttament u b'rispett għall-bilanċ tan-natura xogħol naturali u leġittimu u f'ċerti firxiet fid-dinja jifforma parti importanti mill-ħajja tradizzjonali u mill-ekonomija; billi l-kaċċa, kif Prattikata tradizzjonalment mill-poplu Inuit, tħalli lill-friegħ tal-foki mingħajr ħsara u huwa għalhekk xieraq li jidher li l-interessi tal-poplu Inuit ma jiġux affettwati;

Billi hija mixtieqa iktar investigazzjoni dwar l-aspetti xjentifiċi u dwar il-konsegwenzi tal-qtil tal-friegħ tal-foki ta' l-arpa u ta' dawk tal-barnuż fit-tnaqqis tal-poplazzjoni tagħhom; billi, sakemm isiru magħrufa r-riżultati ta' din l-investigazzjoni, għandhom jittieħdu jew jibqgħu jinżammu l-miżuri temporanji b'mod konformi mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-5 ta' Jannar 1983 ⁽³⁾;

Billi ġie notat illi l-kaċċa għall-friegħ tal-foki ġiet diġa limitata b'xi effett; billi l-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tissokta tfittex, fil-kuntest tal-kuntatti kontinwati mal-pajjiżi interessati, soluzzjonijiet li jagħmlu dispensabbli r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet;

Billi l-Kunsill irid jikkunsidra mill-ġdid is-sitwazzjoni fuq il-bażi ta' rapport li jrid jiġi preżentat lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Settembru 1983,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu jew jibqgħu jżommu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-prodotti mniżżla fil-lista fl-Anness ma jiġux importati kummerċjalment fit-territorji tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjon b'dawn il-miżuri.

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 1983 sa l-1 ta' Ottubru 1985, sakemm il-Kunsill ma jiddeċiedix xorta oħra, fil-waqt li jqijs rapport li jrid jiġi preżentat lill-Kunsill mill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Settembru 1983.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal dawk il-prodotti li ma jirriżultawx mill-kaċċa tradizzjonali tal-poplu Inuit.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hjija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Marzu 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL

⁽¹⁾ ĠU C 334, ta' l-20.12.1982, p. 132.

⁽²⁾ ĠU C 346, tal-31.12.1982, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 14, tat-18.1.1983, p. 1.

L-ANNEX

Nru	Nru ta' l-intestatura CCT *	Deskrizzjoni
1	eż 43.01 eż 43.02 A	Ġlud tal-pil mhux maħduma u ġlud tal-pil, kunzati jew imħejjija, inklużi l-ġlud tal-pil f'folji jew imsallba u għam- liet simili: — tal-friegħ tal-pil abjad tal-foki ta' l-arpa, — tal-friegħ tal-foki tal-barnuż (ta' daharhom iswed)
2	eż 43.03	L-oġġetti mill-ġlud tal-pil riferiti fil-1